STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**SERATA MUŻIKO-LETTERARJA TAĦT IL-PATRONĊINJU TAL-E.T. IL-PRESIDENT TA' MALTA**

**F'GĦELUQ ID-90 SENA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI**

Kien nhar l-14 ta' Novembru 1920 – disgħin sena ilu – meta 36 kittieb ingħaqdu flimkien b'għan wieħed: dak li jħaddmu alfabett wieħed biex il-kitba Maltija titqiegħed fuq sisien sodi.

Illum nistgħu ngħidu li l-ħsieb li għalih twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti – li aktar tard saret magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti – irnexxa: ftit ftit l-awturi Maltin tħajru jiktbu bis-sistema tal-Akkademja tal-Malti u ddakkru wkoll il-bqija tal-pubblikazzjonijiet l-oħra. Illum ilsienna huwa miktub b'alfabett wieħed mhux biss mill-kittieba kollha tal-Malti imma mill-Maltin kollha. Il-Malti kiseb postu bħala lsien uffiċjali fl-1934 u aktar tard ħa l-istatus ta' *lsien nazzjonali* bil-Kostituzzjoni tal-Indipendenza fl-1964 u tar-Repubblika fl-1974. Illum huwa wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Imma l-għan tal-Akkademja tal-Malti ma kienx biss li tibni s-sisien tal-ilsien Malti mill-ewwel manwal tal-ortografija tal-Malti *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1934) imma wkoll li tnissel u trawwem letteratura xierqa. Fl-1925 bdiet toħroġ *Il-Malti*, perjodiku li għadu joħroġ sal-lum u mill-bidu sal-lum kitbu fih l-aqwa kittieba ta' pajjiżna.

Matul is-snin, minbarra l-pubblikazzjonijiet tagħha, l-Akkademja tal-Malti ħadet ħsieb tmexxi 'l quddiem il-letteratura Maltija b'konkorsi ta' poeżiji, novelli, lejliet f'ġieħ kittieba Maltin, taħditiet fuq il-letteratura u l-lingwa Maltija kif ukoll seminars u ċelebrazzjonijiet fosthom il-kommemorazzjoni f'ġieħ Patri Mikiel Fsadni u Prof. Godfrey Wettinger f'għeluq l-40 sena mix-xandir tas-sejba tal-*Kantilena* f'Novembru 2008.

Matul din is-sena l-Akkademja ħadet ħsieb tfakkar għeluq il-100 sena mit-twelid ta' Patri Wistin Born O.P.; ippubblikat ħarġa speċjali ta' *Il-Malti*: *xogħlijiet magħżula ta' Ġużè Gatt*; u organizzat żewġ serati ma' għaqdiet oħra tal-Malti. F'Għawdex organizzat serata oħra f'ġieħ l-awtur żagħżugħ Pierre Mejlak u ssuktat sensiela ta' taħditiet b'rabta mal-lingwa u l-letteratura.

Bis-saħħa ta' taħdita li saret aktar kmieni dan ix-xahar, l-Akkademja kienet il-katalista biex jinbeda l-proċess biex f'Malta d-drittijiet tal-awturi Maltin ikunu mħarsa. Fost id-drittijiet hemm tal-Public Lending Rights (PLR) – il-ħlas dovut lill-awturi meta l-kotba tagħhom jissellfu mil-libreriji, u l-ħlas dovut lill-awturi meta x-xogħol tagħhom jiġi ffotokopjat jew ikkupjat. Awtur li jkun membru f'soċjetà

li tħarislu d-drittijiet tiegħu jkollu lil min jiġġieled u jaqbeż għalih u fejn jidħlu awturi u pubblikaturi, Malta tiġi fuq l-istess livell ta' kważi l-pajjiżi kollha tal-Ewropa.

L-Akkademja qed tieħu din l-inizjattiva għall-ġid tal-awturi Maltin. L-Akkademja f'din l-inizjattiva għandha l-appoġġ sħiħ tal-European Writers' Council (EWC), li tiegħu hi membru, u ta' The Authors' Licensing and Collecting Society tar-Renju Unit (ALCS) li lesta li tgħin b'mod konkret biex f'Malta d-drittijiet tal-awturi jkunu rrispettati.

Għaldaqstant, f'għeluq id-90 sena mit-twaqqif tal-Akkademja tal-Malti, il-kumitat ħaseb biex ifakkar din il-ġrajja għażiża fl-istorja ta' pajjiżna b'serata mtellgħa taħt il-patronċinju tal-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta. Għas-serata ġew mistiedna l-aħjar esponenti tal-letteratura Maltija u li ġew magħżula minn bord maħtur apposta. Il-bord ħa ħsieb jagħżel ukoll ix-xogħlijiet li se jinqraw matul l-attività.

Doreen Galea se tkanta numru ta' għanjiet miġbura fid-diska kompatta *Ommi* li ħarġet ma' binha l-Mro Dominic Galea. Bħala apprezzament għall-istedina tal-President, kull awtur ġentilment intalab joffri kopja ta' pubblikazzjoni/jiet tiegħu, iffirmata/i minnu u b'dedika lill-President għal-librerija tal-Palazz tal-President ta' Malta. Se titħejja mejda apposta fejn jitqiegħdu dawn il-kotba u tittieħed nota ta' kull ktieb li jidħol biex il-President ikun jista' jirringrazzja lill-awturi personalment.

L-awturi mistiedna huma mħeġġa jixtru kopja tad-diska kompatta *Ommi* ta' Doreen u Dominic Galea li se tkun għall-bejgħ wara s-serata. Id-dħul kollu se jmur b'risq il-Malta Community Chest Fund.

Il-Palazz ta' Sant'Anton – fejn se ssir is-serata kommemorattiva – huwa għażiż ħafna għal 'tal-Malti': kien f'dan il-bini li Mikiel Anton Vassalli – Missier l-Ilsien Malti – sab ruħu maqful u priġunier tal-Kaptan Alexander Ball, ftit qabel ġie eżiljat għal għomru minn dawn il-gżejjer li dak iż-żmien ma fehmux il-viżjoni tiegħu. Kien dan il-Palazz li żanżan l-ewwel President Malti – Sir Anthony Mamo – li ħadem spalla ma' spalla ma' Rużar Briffa, Ġużè Bonnici u Pietru Pawl Saydon meta fl-1931 twaqqfet l-Għaqda tal-Malti fl-Università. Kien f'dan il-Palazz li qeda dmiru President ieħor, poeta ewlieni tagħna u msieħeb ukoll fl-Akkademja tal-Malti: Anton Buttigieg.

Għal aktar tagħrif, żur: www.akkademjatalmalti.com

---

14.11.2020

President: Carmel Azzopardi | Viċi President: George Farrugia | Segretarju: Joseph P. Borg
Teżorier: Maurice Mifsud Bonnici | URP: Sergio Grech | Assistent Segretarju: Saviour Camilleri
Assistent Teżorier u Arkivista: Nicholas Vassallo | Assistent URP: Thomas Pace

Membri: David Agius Muscat, Lawrence Deguara, Olvin Vella